# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 23 ta' Marzu 2022**

**Talba numru 51/2021SFJ**

**ELLCEE NAUTICAL SUPPLIES CO. LIMITED**
**(C16810)**
**VS.**
**REINHARD DILGER**
**(233216A)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-16 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' elfejn u tmienja u għoxrin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€2,028.70) rappreżentanti bilanċ dovut lilha għal xogħlijiet imwettqa fuq jott tal-konvenut;

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat permezz tal-proċedura deskritta fl-Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra li l-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta, ma deher għal ebda seduta u ma ppreżenta ebda dokumentazzjoni;

Sema' lix-xhud, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-23 ta' Marzu 2022.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

Matul l-udjenza tal-1 ta' Marzu 2022 deher Kenneth Camilleri, rappreżentant tas-soċjetà attriċi. Taħt ġurament, huwa kkonferma li l-konvenut kien debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta u ma deher għal ebda seduta. Huwa għalhekk ovvju li l-provi tal-attur ma ġew ikkontestati b'ebda mod.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li qara x-xhieda tax-xhud Kenneth Camilleri, liema xhieda ma ġietx kontradetta, li permezz tagħha x-xhud qal ċar li l-konvenut kien debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet tas-soċjetà attriċi jimmeritaw li jintlaqgħu.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li ħa konjizzjoni tal-provi prodotti, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha elfejn u tmienja u għoxrin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€2,028.70), bl-imgħax li għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**